MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 31/2001/1

**Is-Socjeta` Maltacom plc**

**vs**

**Ir-Regolatur tat-Telekommunikazzjonijiet u b'nota tat-22 ta' Jannar 2001, l-Awtorita` ta' Malta dwar it-Telekommunikazzjoni assumiet l-atti ta' dan l-appell**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Jannar 2001 il-Bord ta' l-Appelli tat-Telekommunikazzjonijiet ppronunzja s-segwenti decizjoni:-

"Il-Bord ta' l-Appell ra l-appell maghmul mis-socjeta` appellanti tas-16 ta' Frar 2000 kif ukoll ir-risposta tar-Regolatur tat-8 ta' Marzu 2000, ezamina x-xhieda u d-dokumenti ezibit u sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Il-Bord ikkonsidra illi l-appell sar kontra decizjoni tar-Regolatur li biha cahad talba mis-socjeta` appellanti sabiex jawtorizza “zieda ta’ 11% fit-tariffi tas-servizz ghad-djar kif ukoll fir-rati tal-‘payphones,bejgh ta’ telecards u servizzi ohra prezentament ikkalsissifikati bhala “cable telephony” (vide l-ewwel paragrafu tar-risposta tar-Regolatur).

Illi mill-istess risposta din ic-cahda saret “ghaliex tmur kontra l-ftehim u l-policy tal-Gvern kif elenkat fl-ittra tal-15 ta’ Dicembru 1999 indirizzata lill-Maltacom mill-Ministru tal-Finanzi illi fil-kaz tar-rati tad-djar hawn m’ghandhomx jizdiedu b’aktar minn 5%”.

Kopja ta’ l-imsemmija ittra fil-fatt giet ezibita u mmarkata bhala Dok. EB8.

Mhuwiex kontestat li l-mizuri mertu ta’ dan l-appell gew introdotti bhala parti mill-budget nazzjonali u approvati mill-Parlament ghas-sena 2000.

F’dan il-kuntest, il-Bord ha konjizzjoni tad-diskors maghmul mill-Ministru tal-Finanzi fil-Parlament fit-22 ta’ Novembru 1999 fejn stqarr:-

“Fil-kaz tat-telefon, billi l-azjenda li tipprovdi dan is-servizz mis-sena d-diehla se tkun intitolata ghal refund shih ta’ VAT li thalls hi, u li llum mhix intitolata ghalih, gie miftiehem maghha li l-prezzijiet ghall-konsumatur jizdiedu biss b’5% minflok bi 15%” (Pagna 77 tad-diskors ezibit).

Il-Bord ikkonsidra li l-imsemmija ittra tal-15 ta’ Dicembru 1999 kienet indirizzata lic-Chairman tal-Maltacom p.l.c, iffirmata “S. Gauci – Director Budget Office” li biha il-mittent indika liema mill-‘options’ miftuha ghas-socjeta` appellanti fil-fatt kienu ghazlu. (“It is confirmed that the option chosen, and which is also agreed to by this ministry …”).

Ic-Chairman ta’ Maltacom p.l.c., ikkonferma li l-option kienet dik maghzula minnha billi l-istess Chairman iffirma din l-ittra u zied “agreed” u d-data 16-12-99.

Il-Bord ghalhekk ghandu quddiemu prova li l-Ministeru u s-socjeta` appellanti fil-fatt qablu dwar kif ir-rati 'residential kellhom isiru u cioe' "price increase of 5%, inclusive of VAT @ 15%". Il-Bord pero` ma jistax jaghti ebda sinifikat iehor ghal din l-ittra ghajr dak li l-kontenut taghha tindika. Certament ma tistax timplika li c-Chairman jew is-socjeta` Maltacom kienu qed jirrinunzjaw ghal kwalunkwe drittijiet li jitolbu r-Regolatur sabiex fit-termini tal-poteri moghtija lilu mill-Att dwar it-Telekomunikazzjonijiet li jinvestiga talba ghaz-zieda fir-rati.

It-talbiet tas-socjeta` appellanti imkien ma jitolbu li tigi sindikata mir-Regolatur il-mizura finanzjarja indikata fil-budget u approvata mill-Parlament.

Il-Bord ghalhekk ma jistax jaqbel mas-sottomissjoni tar-Regolatur il-mizura finanzjarja indikata fil-budget u approvata mill-Parlament.

Il-Bord ghalhekk ma jistax jaqbel mas-sottomissjoni tar-Regolatur li fuq konsiderazzjoni ta' 'Public Policy' lanqas biss ma jikkonsidra it-talbiet tas-socjeta` appellanti. Il-firxa ta' "public policy" tkopri mhux biss il-policies ta' l-istat fil-kamp finanzjarju u tat-taxxi, izda tkopri ukoll dik il-parti ta' public policy fdata lilu mil-legislatur u allura mill-Parlament innifsu fil-kamp tar-regolamentazzjoni tat-telekomunikazzjonijiet.

L-Artikolu 4 ta' l-Att XXXIII jistipula fost il-funzjonijiet tar-Regolatur li ghandu jizgura li:

"… telecomunications services are provided for the benefit of the users of telecommunications due consideration being given to the commercial viability of authorised providers and in accordance with the provisions of this Act."

Dan il-bilanc ukoll jifforma parti tal-public policy ta' l-Istat, u huwa fdat f'idejn l-awtoritajiet kompetenti biex dan jitwettaq.

Dan jinvolvi ezercizzju da parti tar-Regolatur fejn jevalwa l-effett li l-adozzjoni tas-sistema gdida tal-VAT kellha fuq l-istruttura tariffarja tal-Maltacom p.l.c.

Il-Bord ghalhekk ser ighaddi biex jezamina t-talba specifika tas-socjeta` appellanti, u cioe` zieda ta' 11% ghat-tariffi tas-servizzi tad-djar, "bl-intiza illi dawn jinkludu l-VAT (bil-hmistax fil-mija).

Il-mizura introdotta mill-Gvern kienet tinkludi s-segwenti: "Maltacom is to be compensated for the year 2000 by a deemed input VAT credit equivalent to  the excess output VAT, being the difference between the forfeited output tax and the VAT refunds to which the Company becomes entitled by its new VATable status'.  Din il-mizura fil-fatt giet introdotta  permezz ta' l-Avviz legali 217 ta' l-1999.

Id-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Value Added Tax xehed u spjega l-iskop wara dan l-Avviz Legali u cioe`:

"… peress ukoll li qabel l-ahhar budget il-Maltacom, ghall-fini ta' supply, nerga' nghid ta' cable telephony kienet ezenti  u issa giet taxxabbli, allura bid-dritt ukoll li titlob ir-refund of input tax lura, jekk ir-refund li titlob lura issa fuq l-input tax li ma kellhiex qabel taghmel ikun below l-ekwivalenti ta' 10% fuq is-sales to consumer tas-servizz ta' cable telephone, allura id-dipartiment ikun jista' jittoppja.  Jigifieri billi huma stess jiddikjaraw fir-return taghhom li dik il-parti tkun mehtieg li tigi toppjata".

L-intenzjoni warajha kienet li ghall-fini tal-mizuri li ttiehdu fil-budget, fl-ahhar wiehed, il-Maltacom tibqa' tax neutral, fis-sens li ma tbaghtix taxxa li hi jkollha tghaddi lid-dipartiment, dejjem qed nirreferu ghal dak li l-10% li ma tistax tigbor minghand il-konsumatur".

Din il-mizura kienet limitata ghal sena 2000 biss.

Mill-fatti hekk kif migjuba quddiem dan il-Bord jirrizulta ghalhekk li l-kumpless ta' mizuri li gew applikati fuq il-Maltacom a rigward tal-gbir tal-VAT ma kellhomx jkollhom ebda effett negativ fuqha fejn jirrigwarda il-cash-flow tas-

socjeta`. Dan l-ezercizzju bejn id-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-VAT u s-socjeta` Maltacom fil-fatt ghad trid issir.

Is-socjeta` Maltacom qed tilmenta li din il-mizura jista' jkollha effett negattiv fuq il-profitability ta' l-istess socjeta`. Fuq inkarigu tal-Bord sar ezercizzju da parti tad-ditta KPMG sabiex jaccertaw l-impatt li din il-mizura setghet kellha.

Gie stabilit li dan l-impatt huwa ta' natura teknika stante li waqt il-mizuri tal-budget fil-konfront tas-Socjeta` appellanti jintitolawha ghal VAT refunds fuq l-"operating expenses" u fuq il-Capital expenditure taghha, pero` l-beneficcji li johorgu minn din il-mizura jirriflettu ruhhom b'mod limitat fuq il-Profit and Loss Account tas-Socjeta, b'dan li fuq refund tal-VAT fuq il-Capital Expenditure ta' Lm233,327 is-somma biss ta' Lm23,332 tigi registrata fuq il-Profit and loss account b'dan li teknikament tintilef is-somma ta' Lm200,000 mill-cash benefit.

Din hi konsegwenza ma taqax taht il-konsiderazzjoni tad-Dipartiment tal-VAT, u dan kif gie konfermat mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Vat;

"Ahna ma nidhlux fil-kwistjoni l-Maltacom titlifx jew le ekonomikament jew finazjarjament". Konsiderazzjoni pero` li tista' tkun rilevanti ghall-Awtorita` Kompetenti".

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha migjuba quddiemu, il-Bord jiddeciedi li t-talba tas-socjeta` appellanti ghal zieda fit-tariffi ta' 11% u dan biex jaghmel tajjeb ghal mizuri introdotti ghal gbir ta' taxxa tal-VAT tkun tfisser li t-tariffa tkun awtomatikament 'indexed' ma mizuri ta' taxxa u li tkun l-uniku fattur li l-awtorita` kompetenti jkollha tiehu in konsiderazzjoni. Dan mhux minnu ghax it-tariffa hija r-rizultat ta' hafna fatturi li jikkonkorru flimkien, relatati mal-performance ta' l-istess socjeta` mal-profitti f'sistema ta' monopolju u dan fil-kuntest ta' konsiderazzjonijiet socjali.

Socjeta` kummercjali ghandha tithalla topera b'profit, pero` m'hijiex il-funzjoni ta' tariffa li tiggarantixxi necessarjament profit, jew fi sitwazzjoni monopolistika l-istess livel ta' profit. Socjetajiet kummercjali huma kollha soggetti ghal diversi regimi ta' taxxa kemm diretti kif ukoll indiretti, dawn naturalment kollha jincidu fuq il-profit ta' kumpanija, pero` l-kwistjoni rilevanti f'dan il-kaz hija jekk l-impatt fiskali jkunx tali li tpoggi socjeta` f'posizzjoni ta' zvantagg mhux gustifikat mal-kompetizzjoni li fiha topera jew taht oneru tant gravuz li tehtieg intervent tariffarju biex jikkompensa l-impatt.

Gie provat li l-mizuri fiscali kienu ad hoc ghas-Socjeta` appellanti pero tant iehor kien hemm mizuri ad hoc biex almenu fejn jirrigwarda il-cash-flow dak l-impatt jista' jigi assorbit.

Il-Bord ghalhekk jiddeciedi:

- Li r-Regolatur ma kienx gustifikat li a priori ma jezaminax l-ilment tas-socjeta` appellanti:

- Li ghas-sena 2000 l-effett fuq it-tariffa ma jistax jigi evalwat qabel ma jigi determinat il-mod kif Avviz Legali 217 tal-1999 jista' jgib is-Socjeta` appellanti 'tax neutral` ghall-istess sena.

- Li dan l-effett ghandu jigi evalwat fil-kuntest ta' l-istruttura tariffarja shiha tas-socjeta` inkluzi l-profitti operattivi li s-socjeta` tkun dikjarat ghas-sena 2000.

- Li dan kollu, naturalment ghandu jsir fl-isfond li dija nghatat zieda ta' 5% fit-tariffa. Il-Bord ser ighaddi biex jezamina it-tieni talba tas-socjeta` appellanti u cioe` sabiex tigi revokata id-decizjoni tar-Regolatur tas-17 ta' Jannar 200 fejn cahad it-talba tal-Maltacom ghall-introduzzjoni ta' tariffa ta' ghaxar centezmi (10c) ghal kull telefonata fuq in-numru 190.

Ir-Regolatur fir-risposta tieghu semma li l-"190" tifforma parti mill-obbligazzjonijiet tal-Maltacom ghal Servizz Universali fit-Telekomunikazzjonijiet u li ghalih tigi

rimburzata jekk mhux ghal kollox almenu in parti permezz tal-fond".

Il-Bord jikkonstata li s-servizz tal-"190" certament jaqa' fir-regime tal-Universal Services u fil-fatt kien parti mill-mertu ta' l-appelli Numru 1 u 3 ta' l-1999. Il-Bord ghalhekk ma jhossx li ghandu jerga' jiftah il-mertu ta' dawk l-appelli. L-Avviz Legali 216 tal-1998 jipprovdi b'mod specifiku li "operator assisted services" jinkludu l-uzu tan-numru "190" u li a tenur ta' l-artikolu 4, dan is-servizz jikkwalifika bhala Universal Service Obligation u ghalhekk kwalunkwe talba li tirrigwarda l-operat ta' Universal Service ghandha ssir bil-mod rikjest mill-ligi."

Iz-zewg kontendenti f'dan il-kaz hassewhom aggravati b'din id-decizjoni u fil-konfront taghha ressqu l-obbjezzjonijiet rispettivi taghhom ghaliha. Jokkorri ghalhekk li dawn jigu separatament konsiderati.

**L-APPELL TA' L-AWTORITA`**

L-Awtorita` talbet ir-riforma ta' dik il-parti tad-decizjoni li permezz taghha l-Bord ta' l-Appelli dwar Telekomunikazzjonijiet irritjena illi r-Regolatur ma kienx gustifikat illi a priori ma jezaminax l-ilment tal-Maltacom. L-aggravji taghha huma artikolati f'dawn it-termini:-

1. Ir-Regolatur ma kellu l-ebda setgha li jindahal dwar decizjoni mehuda in materja ta' indoli fiskali u wisq anqas li jikkompensa lill-operatur b'zieda tariffarja jekk ir-regolament fiskali jinkombi fuq il-profitti tieghu;
2. L-effett ta' tassazzjoni fuq l-operazzjonijiet kummercjali, l-profitabilita` u l-gholi tal-hajja huma rizervati lill-Gvern fil-Budget u ghalhekk mhux konsentit li r-Regolatur jiddisturba l-ezercizzju li jkun sar mill-Parlament;
3. It-talba proposta mis-socjeta` Maltacom ghal zidiet ma kienetx sorretta b'"costings" dettaljati;
4. Il-funzjoni illi l-ligi takkorda lir-Regolatur li jaghti "due consideration" lill-vijabbilita` kummercjali ta' provveditur ta' servizz ta' telekomunikazzjoni ma kellux jabbraccja fih dik

il-kunsiderazzjoni illi twassal biex tkun awtorizzata zieda fil-prezzijiet.

Il-Qorti ssib illi fil-parametri tas-sentenza u tal-fakoltajiet koncessi mil-ligi lir-Regolatur, ossija l-awtorita` kompetenti, l-aggravji dedotti ma huma bl-ebda mod sostenibbli.

Issa hu minnu illi t-talba ghal zidiet pretiza mis-socjeta` Maltacom saret biex tikkumpensa ghall-impatt tal-VAT, ghal liema talba r-Regolatur hass li din kienet tmur kontra l-policy tal-Gvern u ggib fix-xejn il-fiscal policy tal-Gvern fil-Budget speech (ara verbal tas-smiegh tal-appell quddiem il-Bord, 20 ta’ Settembru 2000).

Is-sentenza appellata pero` dan lanqas ma ppretendietu. Fil-verita` wkoll minn dak registrat fl-inkartament dan lanqas ma gie pretiz li jsir mis-socjeta` appellanti quddiem il-Bord. Il-kontenzjoni taghha kienet cirkoskritta mill-konsiderazzjoni illi l-mizura fiskali introdotta kienet ser taffettwa avversament il-“profit and loss account” taghha. Kien minhabba dan li ppretendiet zieda fit-tariffi tas-servizzi taghha. Jekk talba bhal din kelliex titqies sostanzjalment gustifikata hi kwestjoni ohra. Il-punt hu li, kif senjalat mill-Bord, ir-Regolatur ma kellux a priori jiskarta l-ilment tas-socjeta` appellanti fuq l-assunt illi jekk jikkonsidrah ikun qieghed imur kontra l-politika fiskali tal-Gvern. Il-kwestjoni li kellu quddiemu ma kienetx wahda ta’ sindakar tal-mizuri fiskali ‘ut sic’ izda jekk it-talba tal-applikant, anke jekk konsegwenti ghall-istess mizuri, kienetx valevoli jew le. Ma kienetx kwestjoni ta’ newtralizzar tal-policy tal-Gvern izda ta’ konsiderazzjoni ta’ talba fl-ambitu tal-ligi spejcali (Kap 399), inter alia, li jittiehed qies bhala wiehed mill-fatturi, u seta` jkun anke l-uniku wiehed, tal-mizuri fiskali fuq din l-istess talba u pretensjoni ghall-awment.

Huwa pacifiku illi kif awtorizzat mil-ligi (Art 19(3)) tal-imsemmi Kap 399 provveditur ta’ servizz ghandu d-dritt jissottometti ghad-debita konsiderazzjoni tal-awtorita` kompetenti talba ghar-revizjoni tar-rati tas-servizz offrut.

Huwa wkoll ragjonevoli illi dan jaghmlu anke fic-cirkostanza fejn regoli jew mizuri godda ntrodotti u mposti jkunu ser jolqtu l-budget tieghu, jew jaghmlu impatt fuq il-profitti realizzabbli minnu. Ma hemm xejn illogiku f'dan.

Minn naha l-ohra jinhass illogiku hafna illi l-awtorita` kompetenti li lilha hi proprju affidata l-indagini tar-ragjonevolezza tat-talba tidderimi, l-kwestjoni, minghajr lanqas biss ma tepuraha, sempliciment fuq l-assunt illi jekk taghmel dan l-ezercizzju tkun qed tmur kontra l-policy tal-Gvern. Hu mistenni li d-decizjoni taghha tkun wahda ragjonata, indipendenti, u "super partes", u filwaqt li ma tinjorax il-fatt tal-politika fiskali tal-Gvern u l-interessi tal-konsumatur, ma tiskartax "ex abrupto" t-talba li ssirilha mill-provveditur ta' xi servizz a prioristikament fuq dik il-konsiderazzjoni. Hi kellha allura tikkonsidra doverosament it-talba flimkien ma' kull argoment u sottomissjoni kontrapposti ghaliha. Huwa f'dan is-sens li trid tinqara s-sentenza tal-Bord; u in partikolari l-parti operattiva taghha.

Il-Qorti, imbaghad, ma tistax tara kif jista' jittiehed bid-debita serjeta` l-aggravju dwar l-allegat mankanza tal-"costings" da parti tas-socjeta` appellanti quddiem il-Bord. Apparti l-fatt illi din ma tiffigurax bhala raguni ghal posizzjoni assunta mir-Regolatur u ghad-decizjoni tieghu in meritu tar-rigett tat-talba, huwa bil-wisq ovvju illi anke kieku l-informazzjoni shiha dwar l-istess "costings" gew hekk provvduti, l-istess ma kienetx ser tircievi l-ebda attenzjoni mir-Regolatur gjaladarba hu ghamel il-posizzjoni tieghu daqstant cara illi ma kienx ser jikkonsidra t-talba ghal zieda tariffarja in kwantu din kienet, kif fil-fehma tieghu ex-abbanduntia ripetut, tmur kontra l-fiscal policy tal-Gvern u ma kien jara "l-ebda regola ta' principju il-ghaliex zdiedu t-taxxi jew xi haga" il-provveditur kellu "jibqa' jaghmel l-istess percentagg ta' profitt." (Seduta 20 ta' Settembru 2000)

**<u>L-APPELL TAL-MALTACOM PLC</u>**

Kif inghad fil-bidu s-socjeta` Maltacom appellat ukoll mis-sentenza tal-Bord ta' l-Appelli. Dan fir-rigward ta' dik il-

parti taghha fejn il-Bord cahad it-talba minnha mressqa ghall-introduzzjoni ta' tariffa ta' ghaxar centezmi (10c)(eskluz il-VAT) ghal kull telefonata fuq in-numru 190.

Il-kontenzjoni ta' l-appell taghha hi fis-sens illi:-

(a) Id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli f'dan il-kuntest mhiex motivata. Tillanja illi s-sottomissjonijiet taghha gew kollha arbitrarjament skartati u totalment injorati minghajr ma l-Bord indenja ruhu jaghti l-icken motivazzjoni biex jiggustifika r-raguni li wassluh biex jichad it-talba taghha. Fil-fehma taghha dan jikkostitwixxi ksur tal-principju ta' gustizzja naturali u tad-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq.
(b) Il-Bord ta' l-Appelli ezercita hazin il-gurisdizzjoni tieghu billi hu kien kompetenti li jiehu gharfien tas-sottomissjonijiet ta' fatt u ta' dritt, inter alia, il-jus superveniens gjaladarba l-Avviz Legali Numru 216/98 gie abrogat bl-Avviz Legali 151/2000. F'kull kaz, anke fil-kaz prospettat taht l-Avviz Legali 216/98 dan ma kienx jispecifika illi l-'190 calls' kellhom jinghataw b'xejn.

Huwa innegabbli illi kif jinghad fl-Artikolu 35(4) ta' l-Att XXXIII ta' l-1997, kif emendat, "il-Bord ghandu jaghti r-ragunijiet ghad-decizjonijiet tieghu".

Indubbjament ghalhekk il-Bord adit, bhal kull tribunal, anke wiehed amministrattiv jew kwazi gudizzjarju, kellu l-obbligu kostituzzjonali u konvenzjonali li jimmotiva d-decizjonijiet tieghu meta dawn kienu tali li b'xi mod jiddeterminaw id-drittijiet u obbligi civili. Tali principju hu inderogabbli u ma kellux ikun hemm kontestazzjoni dwaru.

Naturalment dan ma jfisserx illi l-Bord kellu jimmotiva d-decizjonijiet tieghu b'referenza u definizzjoni ta' kull punt ta' dritt u ta' fatt sollevati quddiemu. Kien jibbasta li d-decizjoni profferita tkun tali li tissodisfa l-principju baziku illi l-parti tinghata, fil-qofol tal-motivazzjoni tal-gudikat, raguni ghaliex il-meritu tat-talba taghha kien qed jigi determinat kif fil-fatt gie deciz. Dan bl-iskop li tigi

assigurata mhux biss it-trasparenza tal-gudizzju izda wkoll biex tkun tista’ tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat.

Dan appena rilevat jinsab tajjeb kapsulizzat fis-segwenti bran mehud mis-sentenza fl-ismijiet “**Cauchi Limited –vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 2000:

“Il-motivazzjoni kienet ta’ essenza tal-gudizzju u ma jistax jinghad li jkun qed jidher li ssir gustizzja jekk il-partijiet in kawza ma jinghatawx almenu s-sodisfazzjoni minimu tar-raguni li wasslet lill-gudikant ghad-decizjoni tieghu. Dan ma jfisserx illi l-Bord ta’ l-Appelli kellu necessarjament jaghti, anke fuq il-fatti, motivazzjoni elaborata imma l-kontendenti kellhom ikunu sodisfatti illi r-regoli bazilari tal-gustizzja naturali kienu qed jigu pjenament osservati anke fil-process kwazi gudizzjarju. Process li kellu jiggarantixxi mhux biss smiegh adegwat lill-partijiet u l-opportunita` li jipproducu l-provi taghhom imma wkoll li huma jkunu jafu r-raguni ghaliex l-appell ikun qed jigi milqugh jew michud”.

Il-Qorti ezaminat il-motivazzjoni senjalata mis-socjeta` appellanti biex tara jekk din kienetx reza b’mod ritwalment accettabbli. Hi l-fehma konsiderata taghha minn dan l-istess ezami illi d-deduzzjoni tas-socjeta` appellanti f’dan ir-rigward ma tistax tigi accettata.

Huwa veru illi d-decizjoni tal-Bord fuq il-punt kontrovers hi skematika u xotta. B’danakollu pero` l-Qorti hi sodisfatta illi l-motivazzjoni tad-decizjoni kienet taghti indikazzjoni sufficcjenti tar-raguni il-ghala l-Bord iddecieda kif iddecieda. Qajla ghandu jigi ripetut illi l-Bord, bhal kull tribunal iehor, filwaqt li ghandu fid-decizjoni tieghu jaghti ndikazzjoni cara tal-ilment li mmotiva d-decizjoni tieghu, ma kienx mehtieg li joqghod jintilef f’decizjoni elaborata u ragjonata tal-argumentazzjonijiet kollha li wassluh ghal tali decizjoni. Fil-kaz de quo l-Qorti tintravvedi sew fis-sentenza appellata fuq liema binarju sar il-gudizzju tal-Bord. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint.

Issa biex wiehed japprezza ahjar it-tieni aggravju wiehed ikollu ta’ bil-fors jitlaq mill-punt ta’ partenza illi l-funzjoni

tal-Bord ta’ l-Appelli kienet wahda ta’ revizjoni tad-decizjoni mehuda mir-Regolatur jew awtorita` kompetenti fl-ambitu tal-ligi jew regolamenti ta’ meta nghatat dik l-istess decizjoni. Decizjoni li kienet tirrigwarda fiz-zmien rilevanti talba sottomessa meta kien vigenti l-Avviz Legali Numru 216/98. Il-Bord kellu allura jara jekk dik id-decizjoni kienetx tikkorrispondi man-normi ta’ dan l-avviz legali, u allura jekk il-ligi, kif kienet tezisti, gietx sew applikata.

Is-socjeta’ appellanti fuq dan il-punt tikkontendi illi gjaladarba fil-mori tal-gudizzju quddiem il-Bord gew imnedija regolamenti godda (A.L. 151/2000) ergo l-Bord kien tenut li jikkonsidra dawn meta kien qieghed jikkonfezzjona d-decizjoni tieghu u mhux dawk l-ohra precedenti li spiccaw.

Ghal din il-kontenzjoni r-regolatur wiegeb fid-dibattitu orali traskritt li ma kienx accettabbli illi ghax inbiddlu r-regolamenti d-decizjoni tieghu kienet zbaljata. Il-Bord kellu jikkonsidra bhala “punctum temporis” ir-regolamenti li kienu fis-sehh meta inghatat id-decizjoni li l-Bord gie mitlub jirrevedi, u jiggudika jekk dik l-istess decizjoni, fil-mument meta nghatat, kienetx korretta jew le.

Huwa evidenti illi l-aggravju ezaminat jinvolvi kwestjoni ta’ dritt transitorju. Fir-rigward l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell kolleggjalment komposta fit-12 ta’ Mejju 1950 fil-kawza fl-ismijiet “**Chev. Antonio Cassar Torreggiani nomine –vs- Nutar Dottor Vincenzo Gatt noe**” (Kollezz **Vol XXXIV pI p148**) fejn gew zvolti l-principji tad-dritt transitorju f’kaz ta’ ligi gdida li thassar jew temenda ohra antecedenti.

Fiha ntqal bhala kumment generali illi “meta gudikant jew interpreti jigi sabiex japplika l-ligi ghall-kaz prattiku l-ewwel tfittxija u ndagini li ghandha ssir minnhom hi dik li jaraw liema ligi ghandha tigi applikata; u din in-necessita` tidher aktar cara specjalment meta ligi gdida tigi attivata u maghmula effikaci dwar materja li qabel jew ma tkunx regolata, jew li tkun regolata mil-ligi anterjuri. Dan aktar u

aktar johrog car meta jigi konsiderat illi l-materja in diskussjoni tkun tirrigwarda fattijiet kompjuti, jew li kellhom il-bidu u l-inkomincjament taghhom taht l-impenn ta’ ligi antika jew anterjuri li tkun irregolathom u jipprotraw ruhhom taht il-ligi l-gdida”.

B’mod specifiku fiha nghad ukoll, fuq l-awtorita` ta’ bosta trattisti, illi jekk il-ligi anterjuri ma tkunx giet applikata, jew ma jkunx wasal iz-zmien ghall-applikazzjoni taghha, u fl-istess hin tkun harget ligi gdida li taffetta diversament u aktar gravement il-fatt li sar taht il-ligi precedenti, jekk ma jkunx hemm veru u proprju dritt kwezit fil-persuna effettata, ghandha jkollha setgha l-ligi l-gdida.

Fil-kaz in diskussjoni l-ligi anterjuri giet applikata mir-regolatur u fil-fatt il-materja giet minnu aggudikata skond ir-regolamenti li kienu fis-sehh bl-Avviz Legali 216/98 (ara ittri tar-Regolatur lis-socjeta` appellanti tad-9 ta’ April 1999 u 31 ta’ Awissu 1999). Il-Bord ta’ l-Appelli,qua tribunal revizur, ma setax ma jiehux konjizzjoni ta’ dan il-fatt. Mod iehor, kien seta’ forsi jigi ritenut illi l-Bord kien qed jassumi funzjoni li l-ligi tirrizerva b’mod esklussiv lir-regolatur ossija l-awtorita` kompetenti. Il-Bord allura ma setghax jikkonsidra bhala punti mill-process ta’ revizjoni l-materja mill-ottika ta’ regolamenti posterjuri.

Is-socjeta` appellanti ssostni illi r-retroattivita` tar-regolamenti hi applikabbli ghal kaz in ezami in kwantu l-ligi dwar it-telekomunikazzjoni hi materja ta’ ordni pubbliku. Ghal din l-osservazzjoni twiegeb is-sentenza fl-ismijiet “**Edgar Baldacchino et –vs- Onor. Dr. Tommaso Caruana Demajo noe et**”, Appell Civili, 26 ta’ Frar 1954 (**Kollezz Vol XXXVIII pI p61**) fejn irriteniet illi “meta f’ligi li tohrog ma jkunx hemm klawsola retroattiva, u l-kliem taghha ma jkunx jimporta retroattivita`, dik il-ligi ma ghandiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk din tkun materja ta’ interess jew ordni pubbliku”.

Is-socjeta’ appellanti adduciet ukoll illi anke rigwardata mill-perspettiva tar-regolamenti antecedenti dawn ma kienux expressis jipprojbixxu li s-servizz fuq l-190 jew

servizzi ohra, li ma humiex ukoll “emergency services”, setghu jigu provvduti bla hlas.

Issa huwa minnu illi r-regolamenti ma jghidux illi fir-rigward ta’ “servizzi bl-ghajnuna ta’ operatur”, kwalifikati bhala “obbligazzjonijiet ta’ servizz universali” (Regola 4 ta’ l-Avviz Legali 216/98) dawn ghandhom jigu pprovduti lill-abbonati bla ebda hlas. B’danakollu ukoll huwa fatt, li kif jidher minn dak kaptat mis-sentenza appellata, il-materja kienet gja giet trattata, epurata u deciza f’sentenzi ohra tal-Bord (Nru 1 u 3 tal-1999), u dawn jidhru li hadu konsiderazzjoni tal-fatt illi s-socjeta` appellanti kienet qed tirkupra parti mill-ispiza taghha ghal dan l-istess servizz minn fond imwaqqaf bir-Regolament 7 tal-imsemmi Avviz Legali. Anke f’dan allura s-sentenza tal-Bord trid tinqara fis-sens appena accennat.

Fir-rigward ta’ dan l-aggravu din il-Qorti taghmel din l-ahhar osservazzjoni.

Huwa indiskuss illi d-decizjoni tar-Regolatur jew awtorita` kompetenti kienet certament soggetta ghar-revizjoni u sindakar tal-Bord tal-fatti sottomessi lilu, inkluz l-konsiderazzjonijiet tad-dritt applikabbli ghalihom. Fl-opinjoni konsiderata ta’ din il-Qorti jidher li hekk ghamel il-Bord adit. Una volta allura li din il-Qorti hi tal-fehma li l-Bord sewwa interpreta r-regolamenti ma kienx il-kaz allura li din il-Qorti tezamina kif dawn gew applikati ghall-fatti in kawza. In vista ta’ dan ma jidherx li din il-Qorti ghandha tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tal-Bord ta’ l-Appelli. Ghalhekk lanqas dan l-aggravju ma jista’ jigi sostenut.

Ghal dawn il-motivi u in bazi ghal konsiderazzjonijiet kollha maghmula l-aggravji interposti, hemm dawk tal-Awtorita` kif ukoll dawk tas-socjeta` Maltacom plc, qed jigu respinti, bl-ispejjez tar-rispettivi appelli jigu sopportati minnhom. B’hekk tikkonferma s-sentenza tal-Bord ta’ l-Appelli tat-Telekommunikazzjonijiet tat-22 ta’ Jannar 2001.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------